MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2013

Numru 377/2011

Il-Pulizija
(Spettur Edmond Cuschieri)
vs
Alex Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 314577M, akkuzat talli nhar it-3 ta’ Marzu 2011:

1. ghall-habta tat-8.30p.m gewwa l-blokk Sunsea View Crt li jinsab fi Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe’ lil Rita Camilleri kontra l-volonta’ taghha u dan ai terminu tal-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. ftit wara t-8.30p.m. fi Triq il-Bahhara San Pawl il-Bahar volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-valur ta' €116.47 imma hija anqas minn €1,164.69 u li saret fuq il-vettura ta' l-ghamla Hyundai numru ta' registrazzjoni JAH118 u dan ghad-dannu ta' Jeff Zerafa ai termini ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alan Fenech skond kif iccertifika Dr Ivan Micallef u dan ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Rita Camilleri, Alan Fenech u Jeff Zerafa biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom, jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew l-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 u dan ai terminu tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Rita Camilleri, u jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Rita Camilleri u dan ai termini tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u jew theddid bil-fomm lil Rita Camilleri, Alan Fenech u Jeff Zerafa u dan ai termini tal-Artikolu 339 e tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 338dd tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta' tal-vittmi billi tul il-proceduri taghti ordni ta' protezzjoni skond kif hemm mahsub fl-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tahseb ghas-sigurta' tal-vittma billi tordna garanzija ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 ghal dak il-perjodu li jidhrilha xieraq skond il-ligi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2013 jirregistra ammissjoni f'liema baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Semghet lill-parte civile tiddikjara fil-konfront tat-tieni akkuza li d-danni kienu thallsu;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ssibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu;

Rat l-Artikolu 86, 325(b), 221, 351B, 251A, 339(e), 338(dd) u 17 tal-Kap 9

Ikkonsidrat l-attenwanti generici

Tiddeciedi li tilliberah kondizzjonalment ghal tliet snin millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Tadotta kontra tieghu l-provvediment tal-Artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 u torbtu b'garanzija ta' 2300Euro li ghal zmien sena ma jimmolestax lil Rita Camilleri u jzommk il-bon ordni u l-paci pubblika.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------